

## Il-Binja Megalitika Maltija

# Tempji Preistoriċi fuq l-Għolja ta' Kordin

**Kitba ta' John SARÈ**

**Is-Sejba tas-Sit** - Il-monumenti megalitiċi ta' Malta u Għawdex minn dejjem qanqlu kurżità mhux biss tal-arkeoloġisti u tal-istudenti tal-istorja f'Malta, imma wkoll f'dawk Ewropej u anki lil'hinn mill-Ewropa. Dawn l-istudenti kienu tfal tas-sinjuri u n-nobbli tal-Ewropa, li fl-edukazzjoni personali tagħhom kienu jżuru l-ibliet Ewropej. Fis-sekli 16, 17 u 18 ħafna kienu dawk li bħala parti mill-istudji tagħhom inkludew lil Malta espressament minħabba dawn il-monumenti megalitiċi. Dawn l-istrutturi kienu jqanqlu rispett u stagħġib f'min kien jarahom. Dawn kienu jissejħu *'Grand Tours'*. Kien lejn l-aħħar tas-seklu 19 u tas-seklu 20 li studju professjonali beda fuqhom. Minn hawn 'il quddiem bdejna nieħdu informazzjoni serja u ta' min jorbot fuqha. Illum nafu l-istorja ta' dawn il-monumenti u l-qedem tagħhom.



L-ewwel wieħed li jsemmi dan is-sit hu Dr. Cesare Vassallo li fil-ktieb tiegħu *'Malta's Antiquities'* jgħid li fl-1840 kien ġie skavat dan is-sit. Ġebel kbir fid-daqs deher fuq ponta ta' għolja li kienet tħares għal fuq il-Port il-Kbir. Dan il-ġebel kbir kien parti minn ħajt tond li kien idawwar dawn l-istrutturi. Kien jinsab xi metru u nofs taħt il-ħamrija. L-iskavar fuq dan is-sit waqaf għal kollox, imma tkompla x-xogħol fuq l-Imnajdra. Fl-1870 Leith Adams kien mar fuq il-post u kompla jiskava.



Fl-1882 Annetto Caruana ħa f'idejh l-iskavar ta' Kordin. Mill-ewwel induna li s-sit kien wieħed ta' importanza kbira. Caruana identifika 5 strutturi megalitiċi li kienu biss Kordin I. Dawn l-istrutturi kienu mibnija fuq wita u orjentati lejn il-Marsa. Kienu magħluqa f'taqsimiet żgħar li kollha kienu jmissu ma' xulxin. It-tieni grupp ta' strutturi megalitiċi nstab fuq ix-xifer ta' Ras Ħanżir ftit metri 'l bogħod minn Kordin I. Dawn it-tieni strutturi semmiehom Kordin II.

Dawn kienu fuq biċċa art għolja u watja, jiġifieri art ċatta, orjentati lejn Grieg Lvant. Fl-1871 l-Ingliżi kellhom bżonn jgħaddu gandott madwar il-barraks tagħhom. Ir-*Royal Engineers* farrku u kissru parti l-kbira minn dawn l-istrutturi megalitiċi. Kulma ħallew kienu rqajja' żgħar ħafna. Meta tistudja sewwa dawn l-irqajja' tinduna li setgħu kien jixbħu lil Ħaġar Qim u lill-Imnajdra. Sal-1950 is-siti ta' Kordin I u ta' Kordin II kienu sparixxew għal kollox. Il-Gvern Malti kien ħa deċiżjoni li dik l-art tinbidel f'zona industrijali. Kemm il-Gvern Ingliż u kemm il-Gvern Malti huma ħatja li parti mill-Preistorja Maltija nqerdet. L-istorja trid tkun retta u mimlija verità. Meta Manwel Magri beda jiskava l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, l-interess li kien qam fuq Kordin intefa' għal kollox. Annetto Caruana tela' l-Qrendi u beda ir-restawr tat-Tempji ta' Ħaġar Qim.

Immorru lura fiż-żmien u fl-1908 tfaċċa fuq ix-xena ta' Kordin Temi Zammit. Sena wara ngħaqad miegħu Thomas Ashby, li flimkien bdew l-iskavar tal-art li kien baqa' fuq in-naħa tat-triq li tieħdok għall-ħabs tal-Ingliżi. Inkixef sit megalitiku ieħor li semmewh Kordin **III**.

Għal xi raġuni l-iskavi waqfu ħesrem. Sar ftit xogħol fuq is-sit fl-1935 u ftit ieħor fl-1961. Din id-darba kienu l-arkeoloġisti John Evans u David Trump.







Bħas-siti megalitiċi l-oħra mxerrda ma' Malta dan is-sit ma nbeniex kollu f'daqqa. Kordin lll ħa 600 sena biex inbena kollu kemm hu. Matul dan iż-żmien sar ħafna tibdil fil-bini ta' dawn l-istrutturi. Dan is-sit irid jinqasam f'żewġ fażijiet li bejniethom ikopru bejn 3800 sena qK (Fażi Mġarr) u 3200 sena qK (Fażi aħħarija tal-Ġgantija). Mill-banda l-oħra, il-fuħħar li nstab f'dan is-sit ma jindikax fażi daqshekk bikrija. Hemm bżonn ta' aktar studju fuq dan is-sit bil-għan li jiġi stabbilit il-perjodu tal-fuħħar. Il-fuħħar li nstab f'Kordin **l** u f'Kordin **ll** jindika li l-komunità ta' dawn iż-żewġ siti tmur lura għall-Fażi Mġarr, imma hi biss possibiltà.

Fit-tieni żmien inbena Kordin **lll** li jikkonsisti f'żewġ tempji fuq sit wieħed. Dan il-fatt hu fenomenu Malti għall-aħħar. Ħafna huma t-tempji mxerrdin ma' Malta li għandhom aktar minn tempju wieħed fuq l-istess sit. Sa issa għadu ma sarx studju biex inkunu nafu liema miż-żewġ tempji nbena l-ewwel.

Kordin **lll** hu sit Preistoriku li kellu strutturi kbar mibnija ħdejn għarajjex. Kordin **lll** ġie datat billi John Evans fl-1953 u David Trump fl-1960 qabblu l-fuħħar li nstab ma' fuħħar ta' tempji oħra f'Malta.

## Kordin l

Dawn l-istrutturi jidher li kienu jixbħu f'kollox lit-Tempji Megalitiċi li baqgħu magħna sal-lum. Meta bdew jiġu studjati dawn it-tempji, kienu diġà fi stat avvanzat ta' għibien. Fil-fatt ma stajniex u għadna ma nistgħux ngħarfu t-tifsila tal-binja. Aktarx li Kordin **l** kien mibni fuq pjanta u tifsila rregolari. Jista' jkun li dan is-sit kellu forma ċirkulari. Jekk kien hekk, dan iċ-ċirku kien kbir biżżejjed biex fih jinbnew strutturi żgħar. Barra dan iċ-ċirku, hemm strutturi oħra iżgħar fid-daqs li kien jingħaqdu mal-istruttura l-kbira permezz ta' passaġġ. Fil-binja kollha ttellgħu ħitan li firdu spazju minn ieħor u b'hekk inħolqot konfużjoni f'dan il-bini. Il-ħitan diviżorji kienu mibnija minn ġebel żgħir bħal dak użat illum fil-ħitan tas-sejjiegħ. L-użu ta' ġebel żgħir flok ħaġar kbir bħala ħitan diviżorji, jidher li kien użat fit-tempji kollha madwar Malta. L-għażla ta' dan il-ġebel żgħir kienet il-kawża li Kordin l sparixxa għal kollox.

**Fil-qosor**:

Kien hemm tlett ikmamar żgħar barra l-binja ċirkulari.

Kien hemm sitt ikmamar żgħar ġewwa l-binja ċirkulari.

## Kordin ll

Dak li nafu fuq dan is-sit, nafuh minn servejs u deskrizzjonijiet ippubblikati maż-żmien. Dan is-sit kien mibni minn ġebel żgħir li minnu baqa' traċċi żgħar li huma ftit ċentimetri 'l fuq minn wiċċ l-art. Jista' jkun li minn dan il-fdal ġew mibnija dak li hemm illum. Barra minn hekk dan is-sit Preistoriku tħarbat ħafna meta l-Ingliżi ħaffru foss fond mad-dawra tal-barraks tagħhom li bilfors kellhom jgħaddu minn fuq dan is-sit. B'dan il-mod, il-fuħħar u materjal ieħor midfun taħt il-ħamrija spiċċa għal kollox. Biex ikompli jgħarraq id-destin ta' Kordin **ll**, inbena ħajt għoli u beda x-xogħol fuq iz-zona industrijali. Kif kien sewwa sew dan is-sit qatt ma aħna ser inkunu nafu.

Skont dak li naraw illum, Kordin **ll** kien binja maqsuma f'erba' partijiet li kienu jinfdu ma' xulxin. Waħda minn dawn il-partijiet tixbaħ ħafna lit-Tempji ta' Ħal Tarxien. Kien hemm pilastri tal-ġebel weqfin li kienu juru d-dħul għall-apsidi. Dawn illum ma għadhomx weqfin. Biss din il-binja kellha l-istess forma tat-tempji kif nafuhom aħna. Parti oħra minn Kordin ll kienet fit-tond. L-art kienet iċċangjata biċ-ċagħaq. Instabu ċangaturi li kienu parti minn din l-art ta' dan is-sit. Jista' jkun il-każ li fuq din l-art kienu mibnija kmamar b'xi artali fihom u għalhekk setgħu kienu kappelli.

Li kieku ma kienux Dr. Cesare Vassallo fl-1840, Leith Adams fl-1870, F. Vassallo fl-1876, u Annetto Caruana li ħallewlna l-pjanti ta' kif raw is-siti, kieku llum dawn intilfu għal kollox.

**Fil-qosor**:

Kien hemm struttura li tixbaħ lit-tempji li naraw illum.

Kien hemm tliet wesgħat li ma nafux x'kien l-użu tagħhom.

Kien hemm żewġ irqajja' li forsi kien hemm xi kmamar.

Vassallo jgħid li fuq wesgħa minnhom aktarx kien hemm xi kmamar.

Vassallo identifika wkoll kamra fil-binja fejn kien isir il-kult reliġjuż.

Fuq wesgħa li għad hemm traċċi tagħha, kien hemm kmamar żgħar ħafna.

Hemm xi rqajja' oħra li m'hemmx tifsir għall-użu tagħhom.

Cesare Vassallo identifika disgħa passaġġi.

Borġ ġebel fuq xulxin setgħu kienu kamra jew aktar minn waħda.

## Kordin lll

Fl-1909 Kordin **lll** ġie studjat minn żewġ arkeoloġisti, Thomas Ashby u T.E. Peet. Dan it-Tempju hu l-aktar li baqa' tajjeb u għadu jingħaraf. Dan is-sit ġie salvat minħabba li madwaru ttella' ħajt għoli protettiv u b'hekk ġie meħlus mill-iżvilupp bla rażan li għaddej

bħalissa. Wara Ashby, ftit li xejn sar progress u jidher li ma hemmx ħeġġa min-naħa ta' min hu responsabbli biex dan il-monument jiġi studjat bir-reqqa u b'mezzi xjentifiċi moderni. L-aħħar rapport li għandna hu ta' Ashby li ppubblikah fl-1913. John Evans ukoll lesta rapport fuq Kordin **III**, imma hu kopja ta' Ashby, xejn ġdid, u lanqas lesta pjanta ġdida tal-kumpless tat-tempju.

Kordin **III** hu grupp ta' strutturi li l-aktar importanti huma żewġ tempji li għandhom biċċa art miftuħa quddiem id-daħla tat-tempji li f'għamla ta' nofs tond bħalma huma it-tempji l-oħra; bħalma għandhom it-tempji kollha weqfin li baqgħu magħna sal-lum.

Skont ritratti meħudin mill-ajru, ix-xeħta tat-tempji hi dik f'għamla tat-tliet werqiet (trefolju). Dan it-Tempju hu mibni kollu kemm hu mill-ġebla tal-franka li ttieħdet mill-istess viċinanzi tal-post. L-art faċċata tad-daħla hi ċċangjata b'ġebel maqtugħ irregulari u ċ-ċangaturi poġġuti dirett fuq il-qiegħa tal-blat.

It-tempju ewlieni jidher li mhux mibni b'sengħa kif aħna mdorrijin naraw f'tempji oħra. Fil-ġnub tiegħu għandu żewġ strutturi oħra li t-tlieta flimkien għandhom faċċata semi-ċirkulari kważi perfetta, mibnija permezz ta' megalitiċi wieqfa. Kull megalitika għandha ġebla kbira magħha bħalma nsibu f'Ħaġar Qim.



Il-wesgħa li hemm quddiem dawn it-tempji hi ċċangjata b'ċangaturi ta' kull daqs u għamla. Din hi unika fit-tempji Maltin. Il-passaġġi fit-tempju ewlieni huma wkoll mibnija biċ-ċangaturi bħalma huma ta' Ħal Tarxien, ta' Xrobb l-Għaġin, Ta' Ħaġrat u tal-Ġgantija. Id-daħla għal dan it-tempju kienet permezz ta' triliton. Illum ma għadhomx hemm. Fuq kull naħa tal-kuriduri qosra, kien hemm megaliti weqfin, li llum baqa' biss traċċi żgħar minnhom. Dan it-tempju jixbaħ ħafna lil Ta' Ħaġrat fl-Imġarr ta' Malta. Fiż-żmien,



l-apsidi ta' dawn it-tempji kellhom ħitan mibnija bħala diviżorji. B'hekk l-apside nqasmet f'żewġt ikmamar. F'waħda minn dawn il-kmamar inbnew tliet niċeċ bħal dawk li nsibu fil-Ġgantija.

Ta' interess speċjali hu l-ħawt li hemm f'dan it-tempju. Dan il-ħawt hu maqsum f'seba' partijiet u hu prodott tal-aħħar żminijiet ta' dawn it-tempji. Studjużi ta' dan is-sit jgħidu li dan mhu ħawt xejn, imma hu dgħajsa li jfakkarhom fil-ħafna traġitti bil-baħar li kienu jagħmlu. Sinifikanti ħafna hu l-post fejn inbnew dawn it-Tempji, viċin ħafna tal-Marsa. Fuq kull naħa ta' dan il-ħawt hemm ġebel kbir wieqaf.

Meta tħares lejn it-tempju prinċipali minn barra, tara li fuq ix-xellug kien hemm għarix, li għalkemm kellu xi megaliti fih, ma jidhirx li għandu xi importanza partikulari. L-istruttura li hemm fuq in-naħa l-oħra, tidher li tixbaħ is-sistema tat-tliet werqiet, imma mhux f'kollox. Jekk ma jsirx studju bir-reqqa ta' dan is-sit, qatt ma aħna ser inkunu nafu l-għala nbena b'dan il-mod. Dawn l-istrutturi huma problematiċi għax mibnija bla sens u bla ħsieb. Fuq it-tramuntana tat-tempju ewlieni hemm fdalijiet ta' tempji oħra. Mill-fdalijiet li baqa' dawn ukoll kienu mibnija fuq is-sistema trefolju. Mas-sit kollu hemm imxerrdin fdalijiet ta' għarajjex li tul iż-żmien batew mill-erożjoni u traskuraġni kbira.

**Fil-qosor**:

Thomas Ashby hu tal-fehma li t-tempju ewlieni kien bis-sistema *trefoil*.

Jidher li ħdejn dan it-tempju kien hemm għarix.

Hemm fdalijiet oħra li jistgħu kienu tempju jew aktar minn wieħed.

## Kemm hu qadim Kordin III

Dan is-sit ma nbeniex kollu f'daqqa, imma ħa perjodu ta' żmien twil. F'dan iż-żmien mhux dejjem tela' bini ġdid imma kien żmien fejn il-bini mibni ġie mibdul jew irranġat. L-iskavar ta' Kordin **III** kif ukoll meta mqabbla ma' siti oħra, Kordin **III** inbena f'żewġ perjodi, li bejniethom ħadu ftit aktar minn sitt sekli.

Beda jinbena għall-ħabta tas-sena 3800 qK, Fażi Mġarr u l-aħħar stuttura tiegħu tlestiet għall-ħabta tas-sena 3200 qK, Fażi Ġgantija. Imma mill-istudju tal-fuħħar li nstab f'Kordin **III**, juri li hemm fażi oħra tas-sena 2500 qK, allura din hi Fażi Tarxien. Il-fuħħar li nstab f'Kordin **III** hu tal-Fażi Tarxien.



Jekk inhu hekk Kordin **III** ħa 1300 sena biex tlesta għal kollox. L-iskavar li sar fuq dan is-sit ma tax ir-riżultati konkreti li wieħed kien qed jistenna.

Il-fuħħar li nstab f'Kordin **I** u Kordin **II** hu tal-Fażi Mġarr u dan juri mingħajr dubji, li xi forma ta' villaġġ

kien diġà jeżisti. Imma hu diffiċli ħafna biex jiġi identifikat il-fdal li baqa' minn dawn iż-żewġ siti.

Fi żmien il-Fażi Ġgantija nbnew iż-żewġ tempji ta' Kordin **III**. Waqt li kienet għaddejja din l-attività fil-bini, kienu qed jinbnew ukoll il-Ġgantija u t-Tempji ta' Ħal Tarxien. F'Ħal Tarxien insibu tempji b'ħames apsidi u mhux bi tlieta kif għandna f'Kordin. Ma' Kordin beda jitħaffer Hal Saflieni u spiċċa dfin komuni għas-sistemazzjonijiet kollha li kien hawn fil-gżejjer Maltin. Minħabba dan kollu ma nistgħux nagħrfu liema miż-żewġ tempji li naraw illum inbena l-ewwel. Mill-fdalijiet li baqa' kien hemm l-ewwel tempju b'żewġ apsidi u warajh ġie tempju bi tliet apsidi, magħruf bi trefolju.

Kordin **III** mhux l-uniku sit li fuq għarajjex preistoriċi, inbnew strutturi daqshekk kbar. Hemm Skorba li wkoll, strutturi mill-isbaħ, inbnew fuq għarajjex tal-bidu nett. Dan deher ċar wara li ġie skavat il-post minn David Trump. L-iskavar ta' Skorba kien importanti ħafna għax barra mill-fatt li llum hemm tabella ċara u ta' min jorbot fuqha fir-rigward tad-dati tat-tempji tagħna, uriet ukoll li fil-Fażi Tarxien, kienu apsidi li ġew maqsuma fi kmamar skont il-bżonn li kellha il-komunità ta' dak iż-żmien. Dan ġara fis-snin 3000 qK. F'apsidi oħra tellgħu skrin tal-ġebel bħal dawk li hemm fit-tempju ta' Ħaġar Qim.

Żewġ arkeoloġisti ħadmu ħafna biex ġie stabbilit iż-żmien ta' Kordin **III**. L-ewwel wieħed kien John Evans, li fl-1953, u warajh David Trump li fl-1960, għamlu studju profond fuq il-fuħħar li nstab fuq dan is-sit. Eżaminaw il-fdalijiet tal-fuħħar li nstab u ġie mqabbel biċċa biċċa fid-dettal tal-karatteristiċi fl-għamla u fit-tiżjin ma' fdalijiet oħra li nstabu fuq is-siti l-oħra kollha. Qabel Evans u Trump, kien hemm Thomas Ashby, arkeoloġista ieħor li kien ilu jaħdem fuq siti megalitiċi sa minn qabel l-1929. B'kollox Ashby ħalla 400 kaxxa bil-fdalijiet ta' fuħħar miġbura minn siti madwar Malta. Meta Evans u Trump bdew xogħolhom sabu biss "*could trace only a small portion in the stores of the Museum in Valletta.*"

F'din is-sitwazzjoni ddeċidew li jitħaffru tliet trinek ġodda f'inħawi differenti bit-tama li jinstab aktar fuħħar. Meta tħaffret trinka **A**, fit-tempju fuq in-naħa tal-Punent, kien hemm bżonn li tinqala' ċangatura mill-fetħa faċċata tat-tempju. Il-fuħħar li nstab taħtha kien fuħħar tal-Fażi Ġgantija.

Trinka oħra **B** tħaffret fit-tempju fuq in-naħa tal-Lvant. Biex instab il-fuħħar kellha titħaffer trinka fil-fond ħafna. Il-biċċiet tal-fuħħar li ttella' kien ukoll tal-Fażi Ġgantija. Kompla t-tħaffir ta' din trinka, imma ma nstabx fuħħar ta' xi fażi oħra.

Trinka **Ċ** tħaffret fit-Tramuntana tas-sit bejn żewġt ikmamar. Instab fuħħar tal-Fażi Mġarr u tal-Fażi Ġgantija. Ladarba il-fuħħar tal-Fażi Ġgantija nstab fuq is-saff tal-Fażi Mġarr, Evans u Trump qablu li Kordin **III** nbena fuq strutturi li nbnew wisq qabel it-Tempju tal-Ġgantija. Biex żgur ikollhom stampa ċara tal-qedem ta' Kordin **III**, inqdew bis-sistema tar-radjukarbon u eżaminaw fdalijiet ta' ġebel, injam, ħaxix, għadam ta' annimali u faħam tal-kannol.

## Il-Komunità ta' Kordin III

Biex wasalna għall-qedem ta' Kordin **III**, kien hemm bżonn isir studju serju kemm xjentifiku kif ukoll manwali. Sas-seklu 18 il-fehma ġenerali ta' komunitajiet li għammru f'Malta, kienet dik ta' ġganti. Ġan Franġisk Abela, fl-1674 fil-ktieb tiegħu 'Della Descrittione di Malta' jgħid li l-għadam kbir li nstab f'Malta kienu ta' nies u annimali ġganti li kienu jgħammru f'Malta. Abela jagħti wieħed x'jifhem li dawn in-nies bnew it-Tempji Megalitiċi. Fis-seklu 19, dan il-ktieb ħoloq ġirja sfrenata ta' naturalisti u 'fossil hunters' li ġew Malta biex jistudjaw dan il-fenomenu. Kollha baqgħu b'xiber imnieħer għax l-għadam li tkellem fuqu Ġan Franġisk kien biss għadam ta' annimali li kienu jgħixu f'Malta u li llum huma kollha estinti. Il-ħrafa ta' ġganti u dulluvju fuq Malta sfaw fix-xejn. Ħrafa oħra ta' Ġan Franġisk Abela hi dik li l-Feniċi bnew it-Tempji Megalitiċi Maltin. Meta llum naraw il-binja mibnija mill-Feniċi fuq in-naħa tal-Lvant fil-Baħar tan-Nofs u l-pajjiżi li qegħdin f'dawk ix-xtut, malajr nindunaw li t-Tempji Maltin ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-istrutturi tal-Feniċi.



Kellna nistennew sal-aħħar tas-seklu 20 biex id-dinja tagħraf li l-bini megalitiku Malti jmur wisq aktar lura miż-żmien tal-Feniċi. Fit-tempji Maltin ma nstabux għodod tal-ħadid jew bronż. It-Tempji Maltin, inkluż Kordin **III**, huma tempji ta' Żmien il-Ħaġar. L-idea preistorika bdiet dieħla bil-mod fl-imħuħ mhux biss tagħna l-Maltin, imma ukoll fl-istudenti tal-Preistorja u taż-Żmien Neolitiku. Barra minhekk id-dati tar-radjukarbon urew mingħajr l-ebda dubju l-qedem tal-Binja Megalitika Maltija.

## Min kienet il-Komunità ta' Kordin III?

Aktar minn elf sena qabel li l-komunità ta' Kordin għażlet li tgħammar fuq ix-xifer tal-promontorju, Malta kienet diġà abitata minn gruppi ta' nies li kienu bdiewa. L-ewwel grupp ġie minn Sqallija, qasam 90 km ta' ilma baraħ. Dan ġara għall-ħabta ta' 5000 sena qK. Dawn it-traġitti bil-baħar kienu ħafna biex il-Gżejjer Maltin jimtlew daqshekk bin-nies. Il-ħlejjaq tal-baħar li użaw setgħu kienu tali li jġorru nies u bhejjem fuqhom, bħal ngħidu aħna xi ċattra kbira. Jibqa' l-fatt li dawn in-nies kienu jisfidaw il-baħar, il-maltemp u li jintelqu mal-kurrenti.



Dawn in-nies ġabu magħhom it-teknika ta' kif jaħdmu l-fuħħar u anki kif jaħmuh. Ma rridux ninsew li dawn in-nies użaw tafal Malti. Il-fatt li l-fuħħar misjub hawn Malta, ġewwa Għar Dalam jixbaħ ħafna lill-fuħħar li nstab fin-Nofsinhar ix-Xlokk ta' Sqallija, hija indikazzjoni ċara li l-ewwel grupp ta' abitanti f'Malta kien Sqalli. Fiż-żewġ sekli li għaddew, bejn il-wasla ta' dawn in-nies, 5000 qK u l-Fażi Mġarr, 3800 qK, inħadem fuħħar fuq teknika, disinn u manifattura li jixbaħ sewwa lill-fuħħar tal-Lvant ta' Sqallija. Sadanittant l-għolja ta' Kordin kienet għadha ma ratx nies.

Kif rajna aktar qabel, Kordin jaqa' taħt il-Fażi Mġarr, 3800 qK. Minn hawn 'il quddiem, il-komunitajiet lokali bdew jaħdmu fuħħar bi stil purament maqtugħ minn dak Sqalli. Kien fuħħar aktar b'saħħtu, b'disinji li kienu jikkonsistu f'linji vertikali, imħaffra fit-tafal u mimlija bil-pasta bajda li kienet impurtata minn Sqallija. Il-fuħħar beda wkoll jinżebagħ bl-okra ħamra, li hu trab minerali ħamrani li jinstab biss fi Sqallija, allura anki dan kien impurtat.

Il-komunitajiet ta' Kordin kienu wkoll bdiewa. Instabu fdalijiet ta' ċereali; kienu jrabbu l-annimali - nagħaġ, mogħoż, baqar u klieb. Żrieragħ tal-barli, qamħ u tal-għads instabu fi Skorba, Għar Dalam, f'Għar Għabdun, Għawdex u f'Kordin.

Fi Skorba l-Griża, fl-Imġarr, u f'Kordin instabu fdalijiet ta' għarajjex li l-art tagħhom kienet maħduma mit-tafal u ġebel. Fi Skorba l-Ħamra, l-għarajjex kienu



ovali u mhux rettangulari. L-art ta' dawn l-għarajjex kellhom art tat-torba, tant maħduma tajjeb li għadha tingħaraf sal-lum. L-istess tip ta' torba nstabet f'Kordin **III**. Kienet maħduma minn fuħħar, tafal u ċagħak. Meta Thomas Ashby kien qed jiskava dan is-sit kien wasal għall-konklużjoni li hemm kien inbena għarix kbir billi ntużaw briks tat-tafal. Dan kien tafal li kien fil-viċin ħafna tas-sit, aktarx fil-wied li minnu baqa' biċċa żgħira, Wied Blandun. Ashby hu ċert li dan it-tafal ma ġiex mill-Imġarr jew mill-Ġnejna.

Fir-rigward ta' għodod u armi, dawn kienu tal-ġebel u setgħu jiġu maħduma skont il-bżonn ta' dak il-ħin. Iż-żnied ta' Malta jixbaħ ħafna lill-kwarz li jifforma mill-kalċjum. Bl-Ingliż hu 'chert'. Dan jittieħed mill-globiġerina ħaġar tal-ġir, imma meta jinħadem f'għodod mhux b'saħħtu daqs iż-żnied ta' barra. F'Malta aktar instabet il-ħaġra taż-żnied li kienet impurtata minn Sqallija.

Skont Dr. Nicky Vella l-aktar materjal popolari u l-aktar użat kien l-obsidjan, li kien impurtat minn Pantellerija u minn Lipari. L-akbar sejba ta' obsidjan kienet instabet fi Skorba li jidher li kienet lesta biex tiġi maħduma fi xfafar. Dawn kienu jintużaw biex iqaxxru l-annimal, jifirdu l-ġilda minn mal-laħam, iqattgħu l-laħam, itaqqbu l-ġlud, u kienu jintużaw ukoll fit-tarf tal-vleġġa.

Kordin **III** ma kienx nieqes minn dawn l-għodod u l-armi.

## Apprezzament

Minn qalbi nirringrazzja lill-Professur Anthony Bonanno, lil Dr. Nicky Vella, lil Mario Farrugia (Fondazzjoni Wirt Artna) u lil Tim Holt (deputat kap tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni tal-Universita ta' Cambridge) tal-permess li tawni biex nuża stampi u illustrazzjonijiet kemm minn fuq l-internet kif ukoll minn kotba ppubblikati taħt isimhom.

***Referenzi***

*Bonanno Anthony: Il-Preistorja, Kullana Kulturali nru. 30, PIN, 2001.*
*Cambridge University: Temper Project for Heritage Books and Fondazzjoni Wirt Artna, 2004.*
*Harrison Lewis: Ancient Malta, a study of its antiquities, Colin Smythe, 1997.*
*Pace Anthony: Malta before History, Miranda Publishers, 2004.*
*Schiavone Michael J: Dictionary of Maltese Biographies, PIN, 2009.*
*Trump D H: Malta, an archaeological guide, Progress Press, 1971.*
*Trump D H: Malta, Prehistory and Temples, Midsea Books, 2002.*
*Vella Nicholas C: The Prehistoric Temples at Kordin III, Heritage Books, 2004.*

***Ritratti:***

*Cambridge University Old School*
*Sarè John*
*Vella Dr. Nicky*